**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Gunju 2019**

Numru 8

**Referenza Nru. 35/2019**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Angelo Zahra, l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-referenza mibghuta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-Atti tal-kawza 427/2001 fl-ismijiet: Il-Pulizija vs Angelo Zahra u l-Avukat Generali li biha dina l-Qorti intalbet tiddikjara li hemm ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minhabba l-fatt illi l-kumpilazzjoni kontra Angelo Zahra ilha sbatax il-sena ghaddejja u ghadha ma gietx mitmuma u ghalhekk hu mhux qed jigi processat fi zmien ragjonevoli.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi permezz tad-Digriet tal-5 ta' Marzu 2019 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghamlet referenza lil dina I-Onorabbli Qorti sabiex "tkun iista' taghti l-gudizzju taghha" dwar punt imqajjem mid-difiza u cioe' dwar l- allegazzjoni illi "bil-mod kif qieghda titmexxa l-kumpilazzioni fil-proceduri kriminali fil-konfront ta' Angelo Zahra, id-drittijiet ial-imputat skont kif sanciti fl-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) (tal-Ewwel Skeda) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu jew x'aktarx gew miksura. "

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi gialadarba r-referenza kostituzjonali hija mibnija fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, tali referenza kostituzzjonali hija wahda prematura. Dan qieghed jinghad stante li s'issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi l-parti li provokat ir-referenza sejra tigi zvantaggjata waqt is-smigh tal-procedura kriminali. Illi f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li proceduri kriminali jigu diskussi u trattati in vacuo;

Illi gie stabbilit b'mod kostanti fil-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fit-totalita tieghu. Bhala regola, sabiex jkun jista' jigi apprezzat jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru izda irid ihares u jezamina jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri jkunux jew le kondotti b'gustizzja fis-sustanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996).

Illi sabiex jigu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara Fenech vs Avukat Generali deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXII1i.213). Wiehed ma jistax u m' ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 - Vol. LXXX11i.l58).

L-esponenti jissottometti li minkejja l-kwistjoni li ghandha quddiemha dina l-Onorabbli Qorti hija mnissla minn referenza kostituzzjonali xorta wahda ghandha tigi kkunsidrata intempestiva u prematura tenut kont li l-procedura kriminali ghadha ma gietx konkluza. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal- Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-26 ta' April 2013 fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud fejn osservat illi "Ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq, ghalhekk, jiddependi minn kif il-Qorti riferenti tittratta u tiddisponi mid-diversi kwistjonijiet u tappi processwali appena elenkati, fost ohrajn, li jistghu jitqieghdu quddiemha ftl-kors tal-process u ghalhekk certament il-fatt wahdu previst mill-appellant sabiex fuqu jsostni t-talba tieghu ghal referenza lil din il-Qorti ma hux wahdu determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata li ghalhekk hi ghal kollox intempestiva u prematura u daqstant intempestiva u prematura hi r-referenza tal-Qorti referenti".

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jissottometti li l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli, u jinstema' minn Qorti ndipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal

indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-ligi. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process kriminali li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tal-parti li provokat ir-riferenza ta' process gust.

Illi l-fatt fih innifsu li l-kumpilazzjoni bdiet tmintax-il sena snin ilu ma jfissirx b'daqshekk li hemm dewmien ingustifikat. Tabilhaq hija gurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irragonevolezza taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet ghaddejja procedura gudizzjarja, imma dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun.

Illi proprju fil-kaz tallum id-dewmien ma jistax jitqies li huwa wiehed kapriccjuz jew irragonevoli izda huwa dovut minhabba n-natura u l-komplessita tal-proceduri in kwisjoni u l-fatt li kien hemm numru ta' persuni li kellhom jitilghu jixhdu f'dan il-kaz inkluz persuni li kontrihom kien hemm pendenti proceduri kriminali u allura kellhom id-dritt illi ma jaghtux ix-xhieda taghhom sakemm gew konkluzi u decizi b'mod definittiv tali proceduri. Jinghad hawnhekk illi huwa ben risaput illi sakemm il-kaz ta' persuna li tkun qeghdha taffacja proceduri kriminali jigi deciz definittivament, l-istess persuna ma hijiex a 'compellable witness' fi proceduri ohra u cioe' ma tistghax tigi imgieghla taghti d-depozizzjoni taghha billi hija ghandha dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma twiegeb ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminaha. Illi ghalhekk il-Pulizija tkun fl-impossibilita legali li tesigi li xhud jixhed fi proceduri kriminali kontra terza persuna u din ir-raguni legali tista' tigi rizolta biss wara li l-kaz tax-xhud jigi konkluz b'mod definittiv;

Illi jekk wiehed jifli l-verbali tas-seduti li qed jinzammu waqt il-kumpilazzjoni wiehed isib lis-seduti nzammu b'mod regolari fejn ittellghu diversi xhieda biex jiddeponu. Ghalhekk certament li mhuwiex il-kaz li fil-proceduri kriminali kien hemm xi telf ta' zmien.

Illi jinghad ukoll illi f'dan l-istadju tal-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat Angelo Zahra u kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' din ir-referenza, kif zviluppaw l-affarijiet, il-lanjanza kostituzzjonali odjerna kif mqanqla permezz ta' talba ghall-referenza certament li mhux qed jghinu biex il-kumpilazzjoni tinghalaq bil-heffa. Allura l-parti li pprovokat ir-referenza ma tistax tilmenta fuq dewmien meta d-dewmien qieghed jigi kkagunat mill-istess parti li pprovokat ir-referenza.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Illi certament sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tal-parti li pprovokat ir-referenza, jinkombi fuq l-istess parti li pprovokat ir-referenza illi tipprova illi mhux biss il-kaz tieghu qed idum pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-ligi.

3. Ghaldaqstant, it-twegiba ghar-referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandha tkun fis-sens li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

5. Bl-ispejjez kontra l-parti li pprovokat ir-riferenza.

Rat l-atti kollha u n-noti ta' sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat**

**Dewmien**

B'din ir-referenza Angelo Zahra qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara li hemm ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minhabba l-fatt illi l-kumpilazzjoni kontra tieghu ilha sbatax il-sena ghadejja u ghadha ma gietx mitmuma u ghalhekk hu mhux qed jigi processat fi zmien ragjonevoli.

L-intimati eccepew li mill-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz diga dam numru ta' snin, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli jew kappriccjuz izda instemghu diversi xhieda u jonqsu li jinstemghu xhieda li ghalissa ma jistghu jittressqu. Inoltre l-kaz ghadu ma giex terminat ghalhekk l-ilment irid jigi ezaminat fl-assjem tal-proceduri kollha.

Skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-jedd ta' smigh xieraq f'proceduri kriminali jiddependi minn (a) akkuza li (b) tkun qeghda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. Dan ifisser li dan l-artikolu japplika biss fejn ikun inbeda procediment quddiem qorti u ma japplikax ghal procedurii quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Inkwirenti u lanqas ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Istruttorja.

Min-naha l-ohra l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni hu aktar uza u jipprovdi li

> Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

Fl-istess sens huwa l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319:

> Kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

Taht il-Konvenzjoni Ewropea, r-ragonevolezza taz-zmien fil-proceduri kriminali, huwa meqjus li jibda minn meta persuna tigi akkuzata izda dan ma jfissirx li bilfors iz-zmien jibda minn x'hin il-persuna tkun akkuzata formalment, izda jista' jibda wkoll minn meta l-persuna tkun mgharrfa li qieghda taht investigazzjoni u tkun qieghda tinzamm taht arrest preventiv minhabba f'hekk. Iz-zmien jigi kkalkulat sakemm jintemmu l-proceduri u dan isehh meta s-sentenza tigi determinata finalment.

Fis-sentenza **Joseph Gatt et vs Avukat Generali** (Kost 28/02/2014) intqal:

> … in criminal matters, the "reasonable time" referred to in Article 6 § 1 of the Convention begins to run as soon as a person is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example the above-mentioned, Deweer v. Belgium, judgment, p. 22, § 42), such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when preliminary investigations were opened" (**Merit v Ukraine**, App. 6656/01, ECHR 30/06/2004).

Fil-kaz in ezami Angelo Zahra gie pprezentat il-Qorti akkuzat b'diversi akkuzi fil-21 ta' Lulju 2001 u l-kumpilazzjoni ghadha sallum mhux konkluza.

Ir-ragonevolezza taz-zmien ma jitkejjilx biss bit-tul u lanqas fl-astratt, imma fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-procedura gudizzjarja trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura. Izda il-gurisprudenza assodata kemm tal-Qrati taghna kif ukoll tal-Qorti Ewropea ma tieqafx hemm. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jimpedux lill-Qorti milli tinvestiga allegat ksur (attwali jew potenzjali) anke fil-pendenza tal-proceduri quddiem it-Tribunal jew Qorti li qed tisma' l-kawza. Ghalhekk persuna tista' tfittex harsien fejn id-drittijiet u l-libertajiet fondamentali taghha mhux biss qed jigu miksura imma anke jekk x'aktarx ser jigu miksura (art. 46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda terminu assolut li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha. Ma hemm l-ebda fattur partikolari li wahdu huwa determinanti imma huma c-cirkostanzi kollha maghdudin flimkien li ghandhom ikunu

bazi tajba biex jigi deciz dwar ir-ragjonevolezza tad-dewmien (**Francis Said vs Avukat Generali**, Kost 12/02/2010).

Il-qies tad-dewmien fit-tmexxija ta' procedura quddiem Qorti ghall-finijiet ta' lment ta' ksur tal-jedd ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, jitkejjel fuq tliet konsiderazzjonijiet – (i) il-komplessita tal-kaz, (ii) l-imgiba ta' min ikun qed iressaq l-ilment u (iii) s-sehem tal-awtoritajiet koncernati fid-dewmien – u mal-ahhar wahda minnhom illum jitqies ukoll (iv) is-siwi ta' dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-Qrati (**Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 28/01/2013).

Dwar x'ghandha parti x'titlef u tirbah mill-kaz taghha, l-qrati jiddistingwi bejn proceduri civili u proceduri kriminali. Gie deciz in propositu fis-sentenza fl-ismijiet **David Marinelli vs Avukat Generali et** (Kost 29/05/2009 li:

> Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-liberta` jew il-gieh tal-persuna jkunu in issue, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista` jaccetta certu dewmien, dan m'ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta' natura kriminali. Ovvjament, kollox hu relattiv u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jistghu jwasslu ghar-ragonevolezza taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz in kwistjoni.

Il-kriterji fuq imsemmija jridu jigu applikati ghal kaz konkret li l-Qorti ghandha quddiemha u mhux fl-astratt b'mod li ghalhekk ghandu jigi ezaminat sew il-process li qed jigi allegat li jaghti lok ghal ksur allegat (**Francis Theuma vs Avukat Generali**, Kost 27/06/2003).

Il-Qorti issa sejra tqis jekk kemm-il darba fil-kaz li ghandha quddiemha kienx hemm tassew ksur tar-regola taz-zmien ragonevoli fid-dawl tal-kriterji li ssemmew aktar qabel. Il-Qorti se tezamina l-fatturi kollha separatament biex tevalwa l-effett kumulativ fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk kienx hemm dewmien. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohra ma kienux (**John A. Said vs Avukat Generali**, Kost 11/11/2011).

Illi l-Qorti ppreparat elenku kronologiku tas-seduti li nzammu quddiem il-Qorti tal-Magistrati:

VOLUM 1
10/5/2005 Rikostruzzjoni tal-process
Prezentata li saret fil-21.7.2001 (Vol 1 p 147)- (Vol 2 p 220)
Ezibizzjoni fit-30.7.2001 tal-Process Verbal 1167/01 xhieda ta' Jason Briffa
1/7/2005 Kontinwazzjoni rikostruzzjoni tal-process
24/10/2005 Dr M. Scriha jirrinunzja ghall-patrocinju ta' A. Zahra
7/12/2005 Ma sar xejn
31/1/2006 Deher A. Zahra assisti minn Dr J. Giglio
10/3/2006 Deher l-imputat. Ma deherx l-ufficjal Prosekutur. Differiment.
21/4/2006 L-imputat u l-ufficjal prosekutur ma dehrux
22/5/2006 Ma deher hadd
18/7/2006 Ma deher hadd
15/9/2006 Xehdu zewg xhieda – Mistoqsijiet lill-imputa
25/10/2006 Xehed l-Ass. Kum. M. Cassar
5/12/2006 Ufficjal Prosekutur okkupat

VOLUM 2
7/2/2007 Nomina Martin Bajada
23/4/2007 Ufficjal Prosekutur ma deherx
6/6/2007 Xehdet Maggur Marisa Bartolo
23/7/2007 Xehdu A. Bonnici, PC 1183, PS 114 u Joseph Grech
4/9/2007 Ma sar xejn
9/10/2007 Ma deher hadd
31/10/2007 Ma deher hadd
30/11/2007 Ufficjal Prosekutur ma deherx
15/1/2008 Xehed Joseph Mallia
28/2/2008 Ma sar xejn
18/4/2008 Ufficjal Prosekutur ma deherx
2/6/2008 Imputat indispost
15/7/2008 Ufficjal Prosekutur ma deherx
13/8/2008 Qorti sprovvista mill-process
16/9/2008 xhieda ma dehrux
28/10/2008 kawza differita
12/12/2008 Digriet tal-Qorti
27/1/2009 Qorti indisposta
9/3/2009 Qorti okkupata
17/4/2009 kawza differita
26/5/2009 Ufficjal Prosekutur ma deherx
16/6/2009 Xehdu P. Micallef, J. Briffa, S. Psaila, J. Grech, S. Azzopardi (proceduri pendenti kontrihom)
28/7/2009 Xhieda ma dehrux
31/8/2009 Xhieda ma dehrux
16/10/2009 Kawzi kontra xhieda (akkuzi ohra) mhux decizi
27/11/2009 Qorti tahtar lil Martin Bajada bhala espert
18/1/2010 Kawza differita
2/3/2010 Xhieda ma dehrux
13/4/2010 Ma deher hadd

25/5/2010 Qorti okkupata

VOLUM 3
8/7/2010 Xhieda ma dehrux
20/8/2010 rinviju – ma nghatatx raguni
8/10/2010 Ufficjal Prosekutur okkupat
26/11/2010 xehed Publius Micallef – Imputati ohra ghandhom kaz pendent
18/11/2011 xedet Dr.Elizabeth Quintano
4/3/2011 Ufficjal Prosekutur ma deherx
15/4/2011 xhieda ma jistghux jixhdu
31/5/2011 xehed Martin Bajada
11/7/2011 rinviju – ma nghatatx raguni
25/8/2011 rinviju – ma nghatatx raguni
7/10/2011 Ufficjal Prosekutur ma deherx
22/11/2011 Ufficjal Prosekutur ma deherx
1/12/2011 Interrogatorju mill-gdid tal-imputat
11/1/2012 Interrogatorju mill-gdid tal-imputat
20/2/2012 xhieda ma dehrux
2/4/2012 Qorti indisposta
16/5/2012 xehdu PC 213 u PC 10
20/6/2012 Ufficjal Prosekutur ma deherx
30/7/2012 xhieda ma dehrux
10/8/2012 xhieda ma dehrux
8/10/2012 Ma deher hadd
14/11/2012 Ufficjal Prosekutur ma deherx
20/12/2012 Ufficjal Prosekutur ma deherx
30/1/2013 Ufficjal Prosekutur ma deherx
4/3/2013 Ufficjal Prosekutur ma deherx
10/4/2013 Ufficjal Prosekutur ma deherx
22/5/2013 rinviju – ma nghatatx raguni
4/7/2013 Ufficjal Prosekutur ma deherx – Qorti presjeduta minn Magistrat differenti
6/8/2013 Imputat mhux prezenti
17/9/2013 Inqrat akkuza mill-gdid – Sar interrogatorju mill-gdid
24/10/2013 Smigh ta’ rikors tal-imputat
5/11/2013 Trattazzjoni rikors imputat
11/12/2013 Xehed Dr.M.Bajada
16/12/2013 xehed P. Micallef, S. Psaila – ghandhom kawza pendenti.

VOLUM 4
22/1/2014 xehed Saviour Azzopardi; Dr Martin Bajada; J. M. Briffa, Joseph Mallia
4/3/2014 xehed A.C. N. Ciappara
11/3/2014 xehed A.C. N. Ciappara; J. Mallia, PS 579, SM 536
22/4/2014 Jonqos il-provi
7/5/2014 Xehed Dr M. Bajada
11/6/2014 Nutar C. Mangion, M. Falzon
25/6/2014 M. Falzon, Dr E. Quintano
26/6/2014 Dr M. Bajada
1/7/2014 Dr E. Quintano
31/7/2014 Il-Qorti tiehu provedimenti
21/8/2014 Dr M. Bajada, Dr E. Quintano

VOLUM 5
2/10/2014 Dr E. Quintano
15/10/2014 Jonqos ix-xhieda
22/10/2014 H. Agius, AC N. Ciappara. J. M. Briffa, R. Bonello ghazlu li ma jixhdux.
27/11/2014 ma tressqux provi
16/12/2014 M. Falzon. Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma ghandhiex aktar provi hlief dawk ix-xhieda li ghazlu li ma jixhdux billi ghandhom il-kawza kontra taghhom pendenti
27/1/2015 R. Bonello ghazel li ma jixhidx
4/3/2015 J. Briffa ghazel li ma jixhidx
14/4/2015 kawza differita
23/4/2014 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
28/5/2015 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
9/7/2015 Magistrat gdid qed jisma l-kumpilazzjoni
20/8/2015 kawza differita mill-Qorti
24/9/2015 Imputat ma deherx
5/11/2015 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza- Qorti ezentata mill-terga tisma l-provi
16/12/2015 kawza differita mill-Qorti
27/1/2016 kawza differita – imputat deher tard
9/3/2016 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
20/4/2016 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
1/6/2016 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
13/7/2016 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
24/8/2016 kawza differita mill-Qorti
5/10/2016 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
16/11/2016 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
24/11/2016 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
29/12/2016 kawza differita mill-Qorti
9/2/2017 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
23/3/2017 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
4/5/2017 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
15/6/2017 Kawza kontra imputati ohra ghadha mhux deciza
27/7/2017 Kawza kontra l-imputat deciza. Prosekuzzjoni bi hsiebha tappella
7/9/2017 kawza differita mill-Qorti
19/10/2017 Provvediment tal-Qorti. Xhieda ma tressqux
31/10/2017 differimenti mill-Qorti ghal provvediment
12/12/2017 Xehed Sandro Psaila
23/1/2018 Ebda xhieda prodotti
28/2/2018 Kawza kontra P. Micallef u R. Bonello deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali
6/3/2018 Prosekuzzjoni bi hsieba tressaq aktar xhieda
17/4/2018 Xhieda ma dehrux
29/5/2018 Xehed Publius Micallef; Saviour Azzopardi
10/7/2018 xhud R. Bonello ma deherx
21/8/2018 kawza differita mill-Qorti
26/9/2018 xehed Raymond Bonello
31/10/2018 Kawza kontra Jason Briffa ghada mhux deciza
6/12/2018 Jason Briffa ma deherx
17/1/2019 Jason Briffa ghazel li ma jixhidx

21/2/2019 xehed Louis Genuis
Dr Giglio ghal imputat talab li l-Qorti tirreferi l-kaz lill-Qorti Kostituzzjonali billi bil-mod kif qed titmexxa l-kumpilazzjoni d-drittijiet tal-imputat kif sanciti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Kap. 319 qed jigu jew x'aktarx ser jigu miksura
28/2/2019 Qorti ddiferit il-kawza ghad-digriet fuq it-talba ghal-referenza wara li rat ir-risposta tal-Avukat Generali
5/3/2019 Inghata digriet

Minn ezami tal-process kriminali jirrizultaw is-segwenti fatti:

Sallum il-proceduri kontra Angelo Zahra ilhom ghaddejjin kwazi tmintax il-sena fejn saru 136 seduta minghajr ma tghodd is-seduti li saru bejn it-2001 u 2005 .

Skont verbal tal 26 ta' Novembru 2010 (a fol. 538 tal-process Vol. 3) il-process fil-kumpilazzjoni l-Pulizija vs Angelo Zahra Kaz 427/2001 kien inharaq fil-12 ta' Lulju 2004 u kellu jigi rikostruwit mill-gdid. Il-verbali mill-bidu tal-kumpilazzjoni fil-21 ta' Lulju 2001 sal-10 ta' Mejju 2005 huma neqsin.

Fil- 10 ta' Mejju 2005 gie verbalizzat li l-process kien qed jigi rikostruwit.

Ghalkemm il-kumpilazzjoni bdiet fil-21 ta' Lulju 2001, sad-data meta saret ir-referenza coe fil-5 ta' Marzu 2019 il-Prosekuzzjoni kienet ghadha ma ddikjaratx li ghalqet il-provi taghha, u jidher li qghad trid ittella xi xhieda ohra. L-Avukat Generali ghadu ma ddecidiex jekk jibghatx l-artikoli jew jmurx Guri. L-imputat ghadu ma bediex iressaq il-provi tieghu**. F'tmintax-il sena l-Prosekuzzjoni ghadha ma ddikjaratx li ghalqet il-provi.**

Il-kaz ma jidhirx li huwa wiehed kumpless u r-raguni principali, izda mhux l-unika wahda ghad-dewmien, hija li l-Prosekuzzjoni riedet tressaq xi hames xhieda li pero ma setghux jixhdu billi huma setghu jinkriminaw ruhhom billi ghandhom kaz pendenti quddiem il-Qorti. Il-Prosekuzzjoni kienet taf sa mill-bidunett li dawn ix-xhieda ma kienux se jixhdu billi setghu jinkriminaw ruhhom. **Ghalhekk jista jinghad li kien hemm stennija ta' 18 il-sena biex dawn il-persuni jixhdu.**

F'tmintax il-sena instemghu 21 xhieda u diversi minnhom xehdu aktar minn darba.

Da parti tal-Prosekuzzjoni kien hemm 25 differimenti

Da parti tal-imputat kien hemm 10 differimenti

Il-Qorti ddifferiet il-kawza minhabba raguni 10 darbiet

Kien hemm ukoll diversi rikorsi (ara ezibiti) pprezentati mill-imputat dwar talbiet biex tinbiegh jew tigi rilaxxjata proprjeta u l-Qorti kellha tisma u tiddegreta dawn ir-rikorsi kollha u tara kwantita ta' dokumenti annessi.

Il-kawza instemghet minn tlett Magistrati differenti billi tnejn minnhom laqhu Imhallfin.

Tul l-istess proceduri l-imputat Zahra kien ressaq kawza kostituzzjonali ohra (Zahra vs Avukat Generali, Kost PA 13/07/2017)

L-intimati ssottomettew li r-rikorrent ma jistax jilmenta fuq dewmien meta d-dewmien qieghed jigi kkagunat minnu stess meta pprovoka r-referenza.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie deciz fil-kaz **M. Calleja vs Malta** deciz fis-7 ta' April 2005 fejn il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> However, the Court recalls that Article 6 does not require accused persons actively to co-operate with the judicial authorities. Neither can any reproach be levelled against them for making full use of the remedies available under domestic law.

L-intimati jissottomettu wkoll li minkejja l-kwistjoni li ghandha quddiemha dina l-Qorti hija mnissla minn referenza kostituzzjonali xorta wahda ghandha tigi kkunsidrata intempestiva u prematura tenut kont li l-procedura kriminali ghadha ma gietx konkluza u ghamlu referenza ghal dak li intqal fis-sentenza **Pulizija vs M. Mifsud** deciza fis-26 ta' April 2013. Il-Qorti pero tirrileva li l-fattispecie ta' dak il-kaz kienu totalment differenti minn dawk ta' dina r-referenza, billi hawn qed jigi attakkat id-dewmien kollu f'dawn il-proceduri fejn il-proceduri ilhom tmintax il-sena ghaddejin u ghadhom ma spiccawx. Fil-kawza imsemmija l-ilment kien ibbazat fuq episodju isolat li ma kinex jinflwixxi fuq il-proceduri kollha. Inoltre f'dana l-kaz fid-digriet taghha, l-Qorti tal-Magistrat iddecidiet li l-kwistjoni mqajma ma kinitx wahda frivola jew vessatorja.

Fil-fehma tal-Qorti, anke jekk hemm mertu fl-argument tal-Avukat Generali illi x-xhieda li l-Prosekuzzjoni riedet tipproduci kellhom dritt li ma jixhdux u li l-prosekuzzjoni ma tistghax tigi mistennija li tirrinunzja ghal xhud, li skont hi, huwa indispensabbli, huwa inacettabbli meta wiehed jikkunsidra z-zmien li ghaddha s'issa. L-Istat ghandu obbligu li jassikura illi l-gudikanti jaghmlu haqq mal-partijiet fiz-zmien

ragonevoli u li ma jigux lesi d-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tal-istess partijiet.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti huwa inaccettabbli fi stat ta' dritt illi aktar minn tmintax il-sena wara l-arrest tal-imputat, il-prosekuzzjoni ghada m'ghalqitx il-provi taghha ghaliex qed tistenna li tressaq ix-xhieda, indispensabbili kemm huma indispensabbili.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li hemm ksur tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minhabba l-fatt illi l-kumpilazzjoni kontra Angelo Zahra ilha tmintax il-sena ghadejja u ghadha ma gietx mitmuma u ghalhekk hu mhux qed jigi processat fi zmien ragjonevoli.

Dwar it-talba ta' Angelo Zahra ghal kumpens (ara nota ta' sottomissjonijiet) il-Qorti tissenjala li l-funzjoni taghha hi li tirrispondi ghad-domanda maghmula mill-qorti referenti, u l-parametri huma dawk stabbiliti fir-referenza stess u mhux necessarjament li taghti rimedju, multo magis fil-kaz odjern fejn skont it-termini tar-referenza intalab biss "il-gudizzju" taghha u ma ntalab l-ebda rimedju (**The Police vs Nelson Arias**, Kost 28/09/2012).

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tirrispondi ghar-referenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja billi tiddikjara illi l-proceduri kontra Angelo Zahra li ilhom pendenti minn Lulju 2001, huma leziva tad-dritt tieghu ghas-smigh xieraq fi zmien ragonevoli sancit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Tordna li l-atti jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja sabiex jitkompla l-prosegwiment tal-proceduri quddiem dik il-Qorti fid-dawl ta' dak fuq deciz.

Tissolecita lill-Prosekuzzjoni biex tikkonkludi l-provi taghha.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur